SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

26 ta' Settembru 2024 * [i]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Trasport bit-triq – Armonizzazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni soċjali – Regolament (KE) Nru 561/2006 – Artikolu 9(3) – Kunċett ta' 'ċentru ta' operazzjonijiet tal-persuna li timpjega fejn is-sewwieq huwa normalment ibbażat' – Post ta' teħid ta' pussess, minn sewwieq, ta' vettura li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament – Kunċett ta' 'xogħol ieħor' – Ħin li dan is-sewwieq jieħu biex isuq vettura li ma tidħolx fil-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmi regolament biex jivvjaġġa lejn dan iċ-ċentru ta' operazzjonijiet jew biex jasal lura minn dan iċ-ċentru ta' operazzjonijiet"

Fil-Kawża C-164/23,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mis-Szegedi Törvényszék (il-Qorti ta' Szeged, l-Ungerija), permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' Marzu 2023, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-16 ta' Marzu 2023, fil-proċedura

VOLÁNBUSZ Zrt.

vs

Bács-Kiskun Vármegyei Kormányhivatal,

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

komposta minn K. Jürimäe, Presidenta tal-Awla, K. Lenaerts, President tal-Qorti tal-Ġustizzja li qed jaġixxi bħala Mħallef tat-Tielet Awla, N. Piçarra (Relatur), N. Jääskinen u M. Gavalec, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: T. Ćapeta,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal VOLÁNBUSZ Zrt., minn K. Mészáros u P. Varsányi, jogtanácsosok,

– għall-Gvern Taljan minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn A. Lipari, procuratore dello Stato, u minn G. Santini, avvocato dello Stato,

* Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż.

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn C. Kovács u P. A. Messina, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstemgħet l-Avukata Ġenerali, li taqta' l-kawża mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 (ĠU 2006, L 102, p. 1, rettifika fil-ĠU 2016, L 195, p. 83).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn VOLÁNBUSZ Zrt. (iktar 'il quddiem "Volánbusz"), kumpannija b'responsabbiltà limitata li topera fil-qasam tat-trasport pubbliku fl-Ungerija, u l-Bács-Kiskun Vármegyei Kormányhivatal (Servizzi Amministrattivi tal-Kontea ta' Bács-Kiskun, l-Ungerija) fir-rigward tal-legalità ta' twissija indirizzata lil din il-kumpannija minħabba ksur tal-obbligu ta' reġistrazzjoni tal-ħin tax-xogħol tas-sewwieqa impjegati minnha.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 2002/15/KE

3 L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2002/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 224) jipprovdi:

"Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

(a) 'ħin tax-xogħol' għandu jfisser:
   1. fil-każ ta' ħaddiema mobbli: il-ħin mill-bidu sat-tmiem tax-xogħol, li matulu l-ħaddiem mobbli jkun fil-post tax-xogħol tiegħu, għad-dispożizzjoni ta' min jimpjegah u jeżerċita l-funzjonijiet jew l-attivitajiet tiegħu, jiġifieri:

      – il-ħin iddedikat għall-attivitajiet kollha tat-trasport fit-toroq. Dawn l-attivitajiet huma, partikolarment, dawn li ġejjin:

         (i) sewqan;
         (ii) it-tagħbija u l-ħatt;
         (iii) l-għajnuna lill-passiġġieri biex jitilgħu u jinżlu minn fuq il-vettura;
         (iv) it-tindif u l-manteniment tekniku;

(v) ix-xogħol l-ieħor kollu intiż biex jassigura s-sigurtà tal-vettura, it-tagħbija u l-pasiġġieri tagħha jew biex jitwettqu l-obbligazzjonijiet legali jew regolatorji direttament marbuta ma' l-operazzjoni speċifika tat-trasport li tkun isseħħ, inkluż il-monitoraġġ tat-tagħbija u l-ħatt, il-formalitajiet amministrattivi mal-pulizija, id-dwana, l-uffiċjali ta' l-immigrazzjoni, eċċ.,

– il-ħinijiet li matulhom hu ma jkunx jista' jiddisponi b'libertà mill-ħin tiegħu u jkun meħtieġ li jkun preżenti fil-post tax-xogħol tiegħu, lest biex jibda bix-xogħol normali, b'ċerti doveri assoċjati billi jkun fuq ix-xogħol, partikolarment matul perjodi ta' stennija għat-tagħbija u l-ħatt meta t-tul ta' żmien għal dawn ma jistgħax ikun previst bil-quddiem, jiġifieri jew qabel it-tluq jew immedjatament qabel il-bidu attwali tal-perjodu f'dak il-każ, permezz tal-kondizzjonijiet ġenerali negozzjati bejn is-sieħba soċjali u/jew permezz tat-termini tal-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri;

[…]"

Ir-Regolament Nru 561/2006

4 Il-premessi 5 u 17 tar-Regolament Nru 561/2006 jiddikjaraw:

"(5) Il-miżuri msemmija f'dan ir-Regolament dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol ma għandhomx jippreġudikaw id-dritt taż-żewġ naħat ta' l-industrija li jistabbilixxu, b'negozjar kollettiv jew b'xi mod ieħor, disposizzjonijiet li huma aktar vantaġġużi għall-ħaddiema.

[…]

(17) Dan ir-Regolament għandu l-iskop li jtejjeb il-kondizzjonijiet soċjali għall-impjegati li jaqgħu taħtu, kif ukoll li jtejjeb is-sigurtà ġenerali fit-triq. Jagħmel dan prinċipalment permezz tad-disposizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ħin massimu ta' sewqan kuljum, fil-ġimgħa u kull perijodu ta' ġimagħtejn konsekuttivi, tad-disposizzjoni li tobbliga lix-xufier jieħu perijodu regolari ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa mill-inqas darba kull ġimagħtejn konsekuttivi u tad-disposizzjonijiet li jitolbu li taħt l-ebda ċirkustanza l-perijodu ta' mistrieħ ta' kuljum ma jista' jkun anqas minn perijodu mhux interrott ta' disa' sigħat. […]"

5 L-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament jipprevedi:

"Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli dwar il-ħinijiet ta' sewqan, il-pawżi u l-perijodi ta' mistrieħ għax-xufiera li jaħdmu fit-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bit-triq sabiex ikunu armonizzati l-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn il-modi ta' trasport fuq l-art, speċjalment fir-rigward tas-settur tat-triq, u sabiex jittejbu l-kondizzjonijiet tax-xogħol u s-sigurtà fit-triq. Dan ir-Regolament għandu l-għan ukoll li jippromwovi t-titjib fil-prattika ta' monitoraġġ u ta' infurzar mill-Istati Membri u t-tijib fil-prattiċi ta' xogħol fl-industrija tat-trasport bit-triq."

6 L-Artikolu 3 tal-imsemmi regolament jipprovdi:

"Dan ir-Regolament ma japplikax għat-trasport bit-triq permezz ta':

(a) vetturi wżati għat-trasport tal-passiġġieri b'servizzi regolari fejn ir-rotta koperta minn dan is-servizz ma taqbiżx il-50 kilometru;

[…]”

7 Skont l-Artikolu 4(e) tal-istess regolament:

“Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

(e) ‘xogħol ieħor’ tfisser l-attivitajiet kollha li huma definiti bħala ħin ta’ xogħol fl-Artikolu 3(a) tad-Direttiva [2002/15] ħlief ‘sewqan’, inkluż kull xogħol għall-istess persuna li tħaddem jew għal xi persuna oħra li tħaddem, kemm fis-settur kif ukoll barra s-settur tat-trasport;

8 L-Artikolu 9(3) tar-Regolament Nru 561/2006 jipprovdi:

“Kwalunkwe ħin li s-sewwieq jieħu bħala sewwieq ta’ vettura li ma [taqax] fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament minn jew lejn [il-post ta’ teħid ta’ pussess tal-vettura li taqa’] fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament, li mhix fid-dar tas-sewwieq jew fiċ-ċentru ta’ operazzjonijiet ta’ min iħaddem fejn is-sewwieq hu normalment ibbażat, għandu jitqies bħala ‘xogħol ieħor’.”

Id-dritt Ungeriż

9 L-Artikolu 86 tal-a munka törvénykönyvéről szóló 2012. évi I. törvény (il-Liġi Nru I tal-2012, li Tistabbilixxi l-Kodiċi tax-Xogħol) (MagyarKözlöny 2012/2., iktar ’il quddiem il-“Kodiċi tax-Xogħol Ungeriż”) jipprevedi, fil-paragrafu 3 tiegħu:

“Ma jikkonsistix ħin tax-xogħol:

[…]

(b) it-tul tat-traġitt tal-ħaddiem mid-dar jew post ta’ residenza tiegħu lejn il-post tax-xogħol effettiv tiegħu u mill-post tax-xogħol tiegħu lejn id-dar jew post ta’ residenza tiegħu.”

10 L-Artikolu 134(1)(a) ta’ dan il-kodiċi jipprovdi:

“Il-persuna li timpjega għandha żżomm reġistru:

(a) tat-tul tal-ħin tax-xogħol normali u tas-sahra.

[…]”

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

11 Volánbusz hija kumpannija b’responsabbiltà limitata li topera fil-qasam tat-trasport pubbliku u li l-unika azzjonista tagħha huwa l-Istat Ungeriż. Hija tiżgura t-trasport regolari ta’ vjaġġaturi permezz tal-karozzi tal-linja fuq itinerarji differenti fejn uħud minnhom jaqbżu l-50 kilometru filwaqt li oħrajn ma jaqbżux il-50 kilometru. Huma biss il-karozzi tal-linja li huma esklużivament allokati għal dan l-aħħar tip ta’ itinerarju li ma jaqgħux fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament Nru 561/2006, konformement mal-Artikolu 3(a) tiegħu.

12 Wħud mis-sewwieqa impjegati minn Volánbusz jieħdu pussess u jitilqu l-karozzi tal-linja fil-garaxxijiet esterni ta' din il-kumpannija, li minnhom iwettqu s-servizz tagħhom b'mod regolari u li lejhom jirritornaw fi tmiem dan is-servizz, fl-eżerċizzju normali tal-funzjonijiet tagħhom, jiġifieri mingħajr struzzjonijiet partikolari tal-imsemmija kumpannija. Dawn il-garaxxijiet esterni, li l-parti l-kbira tagħhom huma parkings, ma fihomx installazzjonijiet għas-servizz tas-sewwieqa, jiġifieri installazzjonijiet sanitarji jew spazji ta' interazzjoni soċjali jew ta' mistrieħ. L-imsemmija garaxxijiet esterni ma jitniżżlux fir-reġistru kummerċjali bħala ċentri ta' operazzjonijiet jew fergħat ta' Volánbusz. Madankollu huma indikati bħala postijiet ta' teħid ta' pussess tal-vetturi tagħha, minn fejn jibda u minn fejn jintemm l-itinerarju indikat mill-pjan tar-rotta, u jinsabu eqreb mill-postijiet ta' residenza tas-sewwieqa miċ-ċentru ta' operazzjonijiet jew mill-fergħat ta' Volánbusz. Din il-qrubija tiżgura li dawn is-sewwieqa jkollhom ħin ta' traġitt iqsar biex jieħdu pussess ta' dawn il-vetturi u biex imorru lura lejn ir-residenza tagħhom wara x-xift tagħhom.

13 Konformement mal-Artikolu 86(3)(b) tal-Kodiċi tax-Xogħol Ungeriż, il-ħin li s-sewwieqa impjegati minn Volánbusz jgħaddu jsuqu l-vettura personali tagħhom biex imorru fuq il-post ta' teħid ta' pussess tal-vetturi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 561/2006 u biex jiġu lura minnu fi tmiem ix-xift tagħhom ma jagħmilx parti mill-ħin tax-xogħol tagħhom. Irrispettivament minn dan, għal dan il-għan huma jirċievu kumpens ta' traġitt.

14 Madankollu, wara numru ta' kontrolli, id-dipartimenti amministrattivi tal-Kontea ta' Bács-Kiskun ikkonstataw li, għal 67 sewwieq impjegati minn Volánbusz, il-ħin meħud, matul ix-xahar ta' Marzu 2022, biex imorru mill-post ta' residenza tagħhom sal-garaxxijiet esterni ta' din il-kumpannija u biex imorru lura minnhom fi tmiem ix-xift tagħhom imissu ġie rreġistrat bħala ħin tax-xogħol skont l-Artikolu 134 tal-Kodiċi tax-Xogħol Ungeriż. Permezz ta' deċiżjoni tad-19 ta' Ottubru 2022, id-dipartimenti amministrattivi tal-Kontea ta' Bács-Kiskun għalhekk indirizzaw twissija lil Volánbusz.

15 Dawn id-dipartimenti amministrattivi jenfasizzaw li numru ta' garaxxijiet esterni ta' Volánbusz huma sempliċi parkings. Dan premess, parking ma huwiex installazzjoni fis-sens tal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenzi tat-18 ta' Jannar 2001, Skills Motor Coaches *et* (C-297/99, EU:C:2001:37), kif ukoll tad-29 ta' April 2010, Smit Reizen (C-124/09, EU:C:2010:238). F'dawn iċ-ċirkustanzi, dawn il-garaxxijiet esterni ma jistgħux jiġu kkategorizzati bħala "ċentru ta' operazzjonijiet ta' min iħaddem fejn is-sewwieq hu normalment ibbażat", fis-sens tal-Artikolu 9(3) tar-Regolament Nru 561/2006. Konsegwentement, kull ħin li sewwieq jgħaddi jsuq vettura li ma tidħolx fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament biex imur lejn tali garaxxijiet esterni, kif ukoll biex jiġi lura minnhom fi tmiem ix-xift tiegħu, għandu jiġi kkategorizzat bħala "xogħol ieħor" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni u għandu jiġi rreġistrat konformement mal-Artikolu 134 tal-Kodiċi tax-Xogħol Ungeriż. L-imsemmija dipartimenti huma tal-fehma li l-kunċett ta' "ċentru ta' operazzjonijiet tal-persuna li timpjega fejn is-sewwieq huwa normalment ibbażat", fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, huwa ekwivalenti għal dak ta' "ċentru operattiv" li jinsab f'dawk is-sentenzi.

16 Volánbusz ippreżentat quddiem is-Szegedi Törvényszék (il-Qorti ta' Szeged, l-Ungerija), li hija l-qorti tar-rinviju, rikors għal annullament kontra d-deċiżjoni tad-19 ta' Ottubru 2022 imsemmija fil-punt 14 ta' din is-sentenza. Hija ssostni li l-garaxxijiet esterni tal-karozzi tal-linja ta' natura permanenti li fuqhom saret l-ispezzjoni għandhom jiġu kkategorizzati bħala ċentri ta' operazzjonijiet ta' min iħaddem fejn is-sewwieq huwa normalment ibbażat fis-sens tal-Artikolu 9(3) tar-Regolament Nru 561/2006. F'dawn iċ-ċirkustanzi, konformement ma' din id-dispożizzjoni, kull ħin li dawn is-sewwieqa jgħaddu jsuqu vettura li ma tidħolx fil-kamp ta'

applikazzjoni ta' dan ir-regolament biex imorru lejn tali garaxxijiet esterni, kif ukoll biex jiġu lura minnhom fi tmiem ix-xift tagħhom, ma jistax jiġi kkategorizzat bħala "xogħol ieħor" fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni u għalhekk ma jkunx hemm obbligu li dan il-ħin jiġi rreġistrat bħala tali.

17 Interpretazzjoni kuntrarja tal-Artikolu 9(3) tar-Regolament Nru 561/2006 jagħti lok, skont Volánbusz, għal sitwazzjoni paradossali. Fil-fatt, filwaqt li l-ħin ta' traġitt li wieħed jgħaddi jsuq vettura li ma tidħolx fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament biex imur lejn garaxx estern ikollu jiġi rreġistrat bħala ħin tax-xogħol, dan ma huwiex il-każ tal-ħin ta' traġitt għat-teħid ta' pussess ta' vettura mhux fl-imsemmi garaxx estern iżda fiċ-ċentru ta' operazzjonijiet ta' din l-impriża jew tal-fergħat tagħha – minkejja li l-garaxx estern ikkonċernat ġie ddeterminat biex il-ħin ta' dan it-traġitt jitnaqqas. L-impriżi ta' trasport jiġu għalhekk disswaži milli jidentifikaw tali garaxxijiet esterni bħala post ta' teħid ta' pussess ta' vettura li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmi regolament.

18 Madankollu tali prattika hija intiża li ttejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-sewwieqa kif ukoll tas-sigurtà fit-toroq, konformement mal-Artikolu 1 tal-istess regolament moqri fid-dawl tal-premessa 17 tiegħu. Volánbusz ippreċiżat, f'dan ir-rigward, li l-post konkret ta' fejn huma bbażati s-sewwieqa kkonċernati ġie stabbilit fuq il-bażi ta' numru ta' kriterji u jieħu inkunsiderazzjoni, fil-kuntest tal-organizzazzjoni tax-xogħol, tal-aspirazzjonijiet personali ta' dawn is-sewwieqa bil-għan li jitnaqqas kemm jista' jkun il-ħin ta' traġitt bejn ir-residenza tagħhom u l-post ta' teħid ta' pussess tal-vetturi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmi regolament.

19 Qabel kollox, il-qorti tar-rinviju tosserva li s-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali tiddependi mill-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "ċentru ta' operazzjonijiet tal-persuna li timpjega fejn is-sewwieq huwa normalment ibbażat", fis-sens tal-Artikolu 9(3) tar-Regolament Nru 561/2006. B'mod partikolari, din tiddependi mill-punt dwar jekk dan il-kunċett ikoprix post nieqes minn kull installazzjoni u li jservi biss għall-iggaraxxjar ta' vetturi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament. Barra minn hekk, ikun meħtieġ li jiġi ddeterminat jekk il-preżenza ta' ċerti installazzjonijiet, bħal installazzjonijiet sanitarji jew spazji ta' interazzjoni soċjali jew ta' mistrieħ, hijiex meħtieġa għall-kategorizzazzjoni bħala "ċentru ta' operazzjonijiet ta' min iħaddem fejn is-sewwieq hu normalment ibbażat", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Il-ftehim kollettiv konkluż bejn Vólanbusz u l-organizzazzjoni sindakali li tirrappreżenta lill-impjegati tas-settur ikkonċernat jikkategorizza bħala tali l-post konkret ta' fejn huwa bbażat is-sewwieq ikkonċernat, jiġifieri l-post, irrispettivament minn jekk ikunx installazzjoni, parking tal-impriża jew ukoll kull punt ġeografiku ieħor fejn jibda l-itinerarju indikat fuq il-pjan tar-rotta li minnu s-sewwieq iwettaq b'mod regolari s-servizz tiegħu u li lejh jirritorna meta jtemm is-servizz, fil-kuntest tal-eżerċizzju normali tal-funzjonijiet tiegħu u mingħajr ma jsegwi struzzjonijiet partikolari tal-persuna li timpjegah.

20 Sussegwentement, din il-qorti tirreferi għas-sentenza tad-29 ta' April 2010, Smit Reizen (C-124/09, EU:C:2010:238), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddefinixxiet il-kunċett ta' "ċentru ta' operat tal-impriża" f'termini li ġew repetuti fid-definizzjoni tal-kunċett ta' "ċentru ta' operazzjonijiet tal-persuna li timpjega fejn is-sewwieq huwa normalment ibbażat" li jinsab fil-ftehim kollettiv imsemmi fil-punt preċedenti. Skont l-imsemmija qorti, "installazzjoni tal-impriża ta' trasport bit-triq ta' vjaġġaturi, parking [jew] kull punt ġeografiku ieħor iddefinit bħala l-punt minn fejn jibda l-itinerarju li huwa indikat [lis-sewwieq] fuq il-pjan tar-rotta jistgħu jservu bħala l-post konkret fejn is-sewwieq huwa bbażat".

21 Fl-aħħar nett, bħal Volánbusz, il-qorti tar-rinviju tqis li interpretazzjoni tal-Artikolu 9(3) tar-Regolament Nru 561/2006 li skontha għandu jiġi kkategorizzat bħala ħin tax-xogħol kull ħin ta' traġitt li sewwieq jgħaddi jsuq il-vettura tiegħu biex imur iċ-"ċentru ta' operazzjonijiet ta' min iħaddem fejn is-sewwieq hu normalment ibbażat", biex jieħu pussess ta' vettura li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament, ikun kuntrarju għall-għanijiet li għandhom jintlaħqu mill-imsemmi regolament.

22 F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Szegedi Törvényszék (il-Qorti ta' Szeged) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Il-kunċett ta' 'ċentru ta' operazzjonijiet ta' min iħaddem fejn is-sewwieq hu normalment ibbażat' li jinsab fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament [Nru 561/2006] għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jirrigwarda l-post fejn is-sewwieq huwa bbażat, jiġifieri l-post, irrispettivament minn jekk dan huwiex installazzjoni, parkeġġ tal-impriża, jew inkella kull punt ġeografiku ieħor iddefinit bħala l-post minn fejn jibda l-itinerarju indikat fuq il-pjan tar-rotta, li minnu l-imsemmi sewwieq regolarment iwettaq is-servizz tiegħu u li lejh huwa jmur lura meta jtemm is-servizz, fil-kuntest tal-eżerċizzju normali tal-funzjonijiet tiegħu u mingħajr ma jikkonforma ruħu ma' istruzzjonijiet partikolari mill-persuna li timpjegah?

2) Sabiex post jiġi kklassifikat bħala 'ċentru ta' operazzjonijiet ta' min iħaddem fejn is-sewwieq hu normalment ibbażat', fis-sens tal-Artikolu 9(3) tar-Regolament [Nru 561/2006], huwa jew ma huwiex rilevanti l-fatt li dan ikun mgħammar b'installazzjonijiet xierqa (pereżempju, installazzjonijiet iġjeniċi, faċilitajiet għall-benesseri jew postijiet ta' mistrieħ)?

3) Sabiex post jiġi kklassifikat bħala 'ċentru ta' operazzjonijiet ta' min iħaddem fejn is-sewwieq hu normalment ibbażat', fis-sens tal-Artikolu 9(3) tar-Regolament [Nru 561/2006], huwa rilevanti l-fatt li l-pożizzjonament ta' dawn il-postijiet konkreti fejn is-sewwieq huwa bbażat huma favorevoli għall-ħaddiema (sewwieqa), sa fejn dawn huma f'kull każ eqreb għall-postijiet ta' residenza rispettivi tagħhom mill-postijiet fejn jinsabu l-istabbilimenti [ċentri ta' operazzjonijiet] jew il-fergħat tal-impriża rreġistrati fir-Reġistru Kummerċjali, b'tali mod li s-sewwieqa jkollhom ħinijiet ta' vjaġġar iqsar milli kieku jibdew u jispiċċaw xogħolhom fil-postijiet fejn jinsabu l-istabbilimenti [ċentri ta' operazzjonijiet] jew il-fergħat tal-impriża rreġistrati fir-Reġistru Kummerċjali?

4) Fil-każ fejn il-kunċett ta' 'ċentru ta' operazzjonijiet ta' min iħaddem fejn is-sewwieq hu normalment ibbażat' li jinsab fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament [Nru 561/2006] ma jistax jiġi interpretat bħala li jkopri l-post konkret fejn is-sewwieq huwa bbażat, jiġifieri l-post, irrispettivament minn jekk dan huwiex installazzjoni, parkeġġ tal-impriża, jew inkella kull punt ġeografiku ieħor iddefinit bħala l-post minn fejn jibda l-itinerarju indikat fuq il-pjan tar-rotta, li minnu l-imsemmi sewwieq regolarment iwettaq is-servizz tiegħu u li lejh huwa jmur lura meta jtemm is-servizz, fil-kuntest tal-eżerċizzju normali tal-funzjonijiet tiegħu u mingħajr ma jikkonforma ruħu ma istruzzjonijiet partikolari mill-persuna li timpjegah, id-definizzjoni ta' dan il-kunċett previst fir-Regolament tista' għalhekk titqies bħala li hija miżura li tirrigwarda l-kundizzjonijiet tax-xogħol, li fid-dawl tagħha, meqjusa l-premessa 5 tal-istess regolament, l-imsieħba soċjali jistgħu jistabbilixxu, permezz ta' ftehimiet kollettivi jew ta' arranġamenti oħra, dispożizzjonijiet iktar favorevoli għall-ħaddiema?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel sat-tielet domandi

23 Permezz tal-ewwel sat-tielet domandi, li jeħtieġ li jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 9(3) tar-Regolament Nru 561/2006 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "ċentru ta' operazzjonijiet tal-persuna li timpjega fejn is-sewwieq huwa normalment ibbażat" li jinsab f'din id-dispożizzjoni jkoprix post, bħal garaxx estern ta' vetturi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament, li minnu s-sewwieq ikkonċernat iwettaq b'mod regolari s-servizz tiegħu u li lejh huwa jirritorna meta jtemm dan is-servizz, fl-eżerċizzju normali tal-funzjonijiet tiegħu u mingħajr struzzjonijiet partikolari f'dan ir-rigward mill-persuna li timpjegah. Din il-qorti tistaqsi wkoll jekk, għal dan il-għan, humiex rilevanti, minn naħa, il-preżenza, f'tali post, ta' installazzjonijiet sanitarji jew spazji ta' interazzjoni soċjali jew ta' mistrieħ u, min-naħa l-oħra, il-prossimità ġeografika ta' dan il-post mal-post ta' residenza ta' dan is-sewwieq.

24 L-Artikolu 9(3) tar-Regolament Nru 561/2006 jipprevedi li kwalunkwe ħin li s-sewwieq jieħu biex isuq vettura li ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament minn jew lejn il-post ta' teħid ta' pussess tal-vettura li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmi regolament jitqies bħala xogħol ieħor, meta din l-aħħar vettura la tkun tinsab fil-post ta' residenza ta' dan is-sewwieq u lanqas fiċ-ċentru ta' operazzjonijiet tal-persuna li timpjega fejn is-sewwieq huwa normalment ibbażat.

25 Il-kunċett ta' "ċentru ta' operazzjonijiet tal-persuna li timpjega fejn is-sewwieq huwa normalment ibbażat" imsemmi fl-Artikolu 9(3) ma huwiex iddefinit mir-Regolament Nru 561/2006 li, għal dan il-għan, ma jagħmel ebda riferiment espliċitu għad-dritt tal-Istati Membri. Għaldaqstant tali kunċett għandu jiġi kkategorizzat bħala kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni u għandu jiġi interpretat b'mod uniformi.

26 Mill-formulazzjoni tal-Artikolu 9(3) tar-Regolament Nru 561/2006 jirriżulta li din id-dispożizzjoni ma tistabbilixxi ebda rekwiżit dwar il-preżenza, fiċ-" ċentru ta' operazzjonijiet ta' min iħaddem fejn is-sewwieq hu normalment ibbażat", ta' ċerti installazzjonijiet bħal installazzjonijiet sanitarji jew spazji ta' interazzjoni soċjali jew ta' mistrieħ. L-imsemmija dispożizzjoni lanqas ma tirrikjedi li dan iċ-ċentru ta' operazzjonijiet ikun qrib il-post ta' residenza ta' dan is-sewwieq. Min-naħa l-oħra, din il-formulazzjoni ma tippermettix li jiġi solvut il-punt dwar jekk il-kunċett ta' "ċentru ta' operazzjonijiet tal-persuna li timpjega fejn is-sewwieq huwa normalment ibbażat", fis-sens tal-istess dispożizzjoni, huwiex il-post li minnu l-imsemmi sewwieq iwettaq b'mod regolari s-servizz tiegħu u li lejh huwa jirritorna fi tmiem is-servizz tiegħu fl-assenza ta' struzzjonijiet partikolari mill-persuna li timpjegah.

27 Eżami tal-oriġini ta' dan il-kunċett u tad-dispożizzjoni li fiha jidħol tippermetti li tiġi solvuta din il-mistoqsija.

28 Fil-fatt, kif tosserva, essenzjalment, il-Kummissjoni Ewropea fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, l-Artikolu 9(3) tar-Regolament Nru 561/2006 jikkodifika s-soluzzjoni adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-18 ta' Jannar 2001, Skills Motor Coaches *et* (C-297/99, EU:C:2001:37) li kienet tirrigwarda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 tal-20 ta' Diċembru 1985 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 227). F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-obbligu, għal sewwieq, li jirreġistra kull ħin ieħor tax-xogħol jirrigwarda wkoll il-perijodi ddedikati

għaċ-ċaqliq neċessarji biex jieħu pussess ta' vettura suġġetta għall-obbligu li jinstalla u juża tagħmir ta' kontroll (takografu) u li tkun tinsab f'post li ma huwiex id-dar ta' dan is-sewwieq jew iċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjegah (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Jannar 2001, Skills Motor Coaches *et* (C-297/99, EU:C:2001:37, punt 35).

29 Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li dan il-kunċett ta' "ċentru operattiv tal-persuna li timpjega" ma jistax jiġi ddefinit esklużivament skont kriterji marbuta mal-persuna li timpjega, b'mod partikolari mal-istruttura jew mal-organizzazzjoni tal-impriża ta' trasport ikkonċernata, iżda għandu jieħu wkoll inkunsiderazzjoni kriterji relatati mal-persuna tas-sewwieq ikkonċernat. Għalhekk, dan il-kunċett ma jistax jiġi ekwiparat għal dak ta' "sede" u lanqas ma jista' jiġi interpretat fis-sens li kull garaxx ta' vetturi li jappartjeni lill-impriża ta' trasport ikkonċernat jista' jiġi kkunsidrat bħala ċentru operattiv tal-persuna li timpjega. L-imsemmi kunċett għalhekk jirrigwarda l-bażi konkreta jew il-"punt ta' dħul" ta' dan is-sewwieq, jiġifieri l-post fejn l-imsemmi sewwieq imur b'mod regolari biex jieħu pussess u jsuq vettura li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 3821/85, jew il-post li minnu huwa jwettaq b'mod regolari s-servizz tiegħu u li lejh huwa jirritorna fi tmiem dan is-servizz fl-eżerċizzju normali tal-funzjonijiet tiegħu u mingħajr struzzjonijiet partikolari f'dan ir-rigward tal-persuna li timpjegah (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' April 2010, Smit Reizen, C-124/09, EU:C:2010:238, punti 24 sa 28 u 31).

30 Fid-dawl tal-punti preċedenti, hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-kunċett ta' "ċentru operattiv tal-persuna li timpjega" hekk iddefinit jikkorrispondi, essenzjalment, ma' dak ta' "ċentru ta' operazzjonijiet tal-persuna li timpjega fejn is-sewwieq huwa normalment ibbażat" li jinsab fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament Nru 561/2006.

31 Bl-istess mod, il-kunċett ta' "xogħol ieħor" li jinsab f'din id-dispożizzjoni u li huwa ddefinit fl-Artikolu 4(e) ta' dan ir-regolament bħala "l-attivitajiet kollha li huma definiti bħala ħin ta' xogħol fl-Artikolu 3(a) tad-Direttiva [2002/15] ħlief 'sewqan', inkluż kull xogħol għall-istess persuna li tħaddem jew għal xi persuna oħra li tħaddem, kemm fis-settur kif ukoll barra s-settur tat-trasport" jikkorrispondi, essenzjalment, għal dak ta' "perijodi ta' xogħol l-oħra kollha" li jinsab fl-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 3821/85.

32 Għalhekk, meta sewwieq jieħu pussess ta' vettura li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 561/2006 f'post li huwa ċ-"ċentru ta' operazzjonijiet ta' min iħaddem fejn [dan] is-sewwieq hu normalment ibbażat", kull ħin li huwa jgħaddi jsuq vettura li ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament biex imur f'dan iċ-ċentru ta'operazzjonijiet u biex jiġi lura minnu ma jistax jiġi kkategorizzat bħala "xogħol ieħor" fis-sens tal-Artikolu 4(e) tal-imsemmi regolament.

33 B'hekk jidher li l-Artikolu 9(3) tar-Regolament Nru 561/2006 huwa intiż li jirregola sitwazzjoni speċifika, bl-esklużjoni ta' kull sitwazzjoni oħra, jiġifieri dik li fiha s-sewwieq jieħu pussess tal-vettura li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament f'post li ma huwiex il-post ta' residenza tiegħu jew iċ-ċentru ta' operazzjonijiet tal-persuna li timpjega fejn is-sewwieq huwa normalment ibbażat.

34 Tali interpretazzjoni hija konformi mal-għanijiet li għandu l-intenzjoni li jilħaq dan ir-regolament, b'mod partikolari, kif jirriżulta mill-Artikolu 1 tiegħu, moqri flimkien mal-premessa 17 tiegħu, li jtejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-sewwieqa kkonċernati u s-sigurtà fit-toroq. Billi jieħu dawn l-għanijiet inkunsiderazzjoni, il-kunċett ta' "ċentru ta' operazzjonijiet tal-persuna li timpjega fejn is-sewwieq huwa normalment ibbażat", fis-sens tal-Artikolu 9(3) tar-Regolament Nru 561/2006, ma jistax jiġi ddefinit esklużivament fir-rigward ta' kriterji funzjonali marbuta

mal-organizzazzjoni interna tal-impriża ta' trasport, iżda għandu wkoll jieħu inkunsiderazzjoni kriterji relatati mal-persuna tas-sewwieq ikkonċernat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' April 2010, Smit Reizen, C-124/09, EU:C:2010:238, punt 24).

35 Madankollu, il-fatt li tali post huwa iktar favorevoli għas-sewwieq ikkonċernat, b'mod partikolari minħabba lokalizzazzjoni ġeografika eqreb lejn il-post ta' residenza tiegħu, ma jikkostitwixxix kriterju suffiċjenti biex dan jiġi kkategorizzat bħala "ċentru ta' operazzjonijiet ta' min iħaddem fejn is-sewwieq hu normalment ibbażat". F'dan il-każ, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, fid-dawl taċ-ċirkustanzi li jikkarakterizzaw is-sitwazzjoni tas-sewwieq ikkonċernat, li l-post inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa effettivament il-bażi konkreta ta' dan is-sewwieq (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' April 2010, Smit Reizen, C-124/09, EU:C:2010:238, punt 30).

36 Għandu jingħad ukoll, bi tweġiba għal mistoqsija speċifika tal-qorti tar-rinviju, li, bla ħsara għall-għan ta' titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-sewwieqa kkonċernati, ir-Regolament Nru 561/2006 ma jimponix il-preżenza ta' installazzjonijiet sanitarji, ta' spazji ta' interazzjoni soċjali jew ta' mistrieħ sabiex post, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jiġi kkategorizzat bħala "ċentru ta' operazzjonijiet ta' min iħaddem fejn is-sewwieq hu normalment ibbażat", fis-sens tal-Artikolu 9(3) tar-Regolament Nru 561/2006.

37 Fid-dawl tal-punti kollha preċedenti, hemm lok li r-risposta għall-ewwel sat-tielet domandi tkun li l-Artikolu 9(3) tar-Regolament Nru 561/2006 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "ċentru ta' operazzjonijiet tal-persuna li timpjega fejn is-sewwieq huwa normalment ibbażat" li jinsab f'din id-dispożizzjoni jkopri post, bħal garaxx estern ta' vetturi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament, li minnu s-sewwieq ikkonċernat iwettaq b'mod regolari s-servizz tiegħu u li lejh huwa jirritorna meta jtemm dan is-servizz, fl-eżerċizzju normali tal-funzjonijiet tiegħu u mingħajr ma jsegwi struzzjonijiet partikolari f'dan ir-rigward. Il-preżenza possibbli, f'tali post, ta' installazzjonijiet sanitarji jew ta' spazji ta' interazzjoni soċjali jew ta' mistrieħ huwa mingħajr effett f'dan ir-rigward. Min-naħa l-oħra, il-prossimità ġeografika tal-post ta' residenza ta' dan is-sewwieq jista' jittieħed inkunsiderazzjoni mingħajr madankollu ma jkun, fih innifsu, determinanti.

Fuq ir-raba' domanda

38 Fid-dawl tar-risposta mogħtija lill-ewwel tliet domandi, ma hemmx lok li tingħata risposta għar-raba' domanda.

Fuq l-ispejjeż

39 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

il-kunċett ta' "ċentru ta' operazzjonijiet tal-persuna li timpjega fejn is-sewwieq huwa normalment ibbażat" li jinsab f'din id-dispożizzjoni jkopri post, bħal garaxx estern ta' vetturi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament, li minnu s-sewwieq ikkonċernat iwettaq b'mod regolari s-servizz tiegħu u li lejh huwa jirritorna meta jtemm dan is-servizz, fl-eżerċizzju normali tal-funzjonijiet tiegħu u mingħajr ma jsegwi struzzjonijiet partikolari f'dan ir-rigward. Il-preżenza possibbli, f'tali post, ta' installazzjonijiet sanitarji jew ta' spazji ta' interazzjoni soċjali jew ta' mistrieħ huwa mingħajr effett f'dan ir-rigward. Min-naħa l-oħra, il-prossimità ġeografika tal-post ta' residenza ta' dan is-sewwieq jista' jittieħed inkunsiderazzjoni mingħajr madankollu ma jkun, fih innifsu, determinanti.

Firem

[i] Fil-punti 12, 17 u 22 ta' dan it-test saret modifika ta' natura lingwistika, wara li kien tqiegħed online għall-ewwel darba.